ma dejjaqtkomx. Issa kelma oħra u nagħlaq:

Intom tafu li l-poeżija hija l-kelma taż-żgħużija, u jiena bħalma taraw xjeħt ġmieli — il-lum nagħlaq disgħa w erbgħin sena mill-ewwel quddiesa tiegħi; għalhekk issa jmiss lilkom iż-żgħażagħ li telgħin li tkomplu torqmu u żżidu l-kelma Maltija.

Agħmlu ħilitkom biex titgħallmu sewwa dan il-lsien sabiħ tagħna; agħmlu ħilitkom biex tifhmu s-setgħat letterarji ta' saħħa u ta' ġmiel li għandu, u intom tibdew tħobbuh u tgħożżuh.

Ħafna poeti żgħażagħ mixjin fuq il-passi tiegħi, u qegħdin jagħmlu versi sbieħ tal-għaġeb. Ħafna mill-versi tagħhom ġew maqlubin f'ilsna oħra — Ingliż u Franċiż — u qalgħu tifħir sabiħ ħafna.

Jalla din it-taħdita tkun bħala żerriegħa illi fi żmien mhux bgħid tnissel u ġġib ħafna ward ieħor ta' poeżija fil-ġnien letterarju ta' Malta.

Niżżikom ħajr.

## IL-GHANJA TAL-ĦELSIEN

*Mill-ward, mix-xtieli ħodor*
*titla' ferrieħa w sbejħa*
*il-għanja tal-ħelsien.*

*Rebbiegħa ta' kant hieni*
*fil-qalb wir-ruħ tal-kotra,*
*fir-raba' wil-widien.*

*Il-mewġ fis-skiet tal-lejla*
*f'għanja ta' mħabba kbira*
*il-blat jgħannaq u jbus.*

*Il-kwiekeb qisbom ġawhar*
*tad-deheb, jiddu w ileqqu*
*fuq sema tal-bellus.*

*U jien? Għid, jien x' ser nieħu*
*minn din l-għanja sabiħa,*
*minn dil-ħajja ta' ġid?*

*Jien nifraħ man-Natura,*
*u f' dak il-ferħ ta' seħer*
*nintemm bil-ftit il-ftit.*

8.iv.58 ĠUZE CHETCUTI